MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 159/2007/1

**Joseph Buttigieg u Carmel *sive* Lino Farrugia fil-kwalita taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba Konservazzjonisti**

**vs**

**Malcolm J. Naudi u Joseph A Vella bhala Chairman u Segretarju rispettivament ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-Istitut tal-Gurnalisti Maltin**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Mejju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz ippresentat mill-atturi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Mejju 2007 fejn talbu lil din il-Qorti

tikkundanna lil konvenuti ihallsuhom dik is-somma li tigi stabilita minn din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-artikolu 29 u kif ukoll tal-artikolu 29 tal-Kap 248 u dan previa d-dikjarazzjoni li l-istqarrija, ossia l-artikolu riportat fil-gazetta ‘The Times’ (Kopja annessa mar-rikors) datat ghaxra (10) ta’ Marzu 2007 kien falz u malafamanti fil-konfront tal-atturi nomine u kienet tikkontjeni allegazzjonijiet foloz fil-konfront tal-atturi noe b’mod li attribwewlhom fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur, r-reputazzjoni u l-fama taghhom u li tesponihom ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku.

Bl-ispejjez w interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata l-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta’ Novembru 2008 fejn esponew is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-atturi m’ghandhom l-ebda nteress guridiku sabiex jipproponu l-prezenti azzjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-artikolu ndikat fl-avviz ma kienx ippublikat mill-konvenuti w ghalhekk m’humiex responsabbli ghal dak li deher u jekk kellha tittiehed azzjoni, kellha tittiehed kontra min kiteb jew ippubblika l-artikolu, stante illi l-konvenuti bl-ebda mod ma huma repsosnabbli ghall-istampat li dwaru tilmenta ssocjeta attrici;

3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-artikolu ndikat fl-avviz hemm biss kummenti li jikkonsistu f’*fair comment* dwar kwistjonijiet t’interess pubbliku u kritika accettabli f’socjeta demokratika, kemm taht il-ligijiet tal-Istampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta kif wkoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tal-atturi saret biss bhala *chilling effect* biex tbezza lil gurnalisti Maltin u Ghawdxin milli jesprimu ruhhom kontra l-vjolenza, specjalment il-vjolenza fil-konfront tal-gurnalisti li jkunu qeghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom u jispiccaw imsawwta waqt protesta suppost pacifika li organizzat l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti, fejn kienu jkunu aktar ghaqlin li kieku kkundannaw dawn l-atti ta' stmerrija li kienu kkundannati kemm minn ghaqdiet mhux governattivi Maltin, Korpi Kostitwiti u sahansitra mill-International Federation of Journalists (IFJ) u l-European Federation of Journalists (EFJ);

5. F'kull kaz hemm lok ghal applikazzjoni tal-Jus Retroquendi billi kritika taghhom f'dikjarazzjonijiet li ghamlu l-esponenti kienu qeghdin iwiegbu ghal attakk malafamanti maghmul fi stqarrija ppublikata mill-Federazzjoni Kaccaturi, Nassaba u Konservazzjonisti wara l-protesta li organizzaw fil-Belt fis-sebgha (7) ta' Marzu 2007, fejn f'din il-protesta minn ta' l-inqas, hames gurnalisti/fotografi mill-gurnali 'The Malta Independent', 'Times', 'L-Orizzont' w 'Illum' gew attakkati fizikament u verbalment mhedda fejn sahansitra fotografu ta' 'The Times' u 'Reuters' kellu jittiehed l-isptar ghal kura;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Jannar 2009 deher Dottor Joe Mifsud ghall-konvenuti w ipprezenta zewg sentenzi li nghataw mill-Qrati tal-Magistrati diversament preseduta nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar 2005 u l-ghoxrin (20) ta' Jannar 2009. Esebixxa wkoll xi notamenti mehuda mill-ktieb 'Libel and Slander' ta' Gateley u dan in sostenn tal-ewwel eccezzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi nomine prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hamsa

(5) ta' Frar 2009 u dik tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza tikkoncerna biss l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti li l-atturi m'ghandhom ebda nteress guridiku sabiex jipproponu l-prezenti azzjoni u konsegwentement, il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Il-konvenuti jsostnu li l-azzjoni odjerna ma tistax tigi ntavolata minn korp fiziku ta' persuni, izda minn persuna wahda f'kaz li mhux libel ta' 'Trade Union' kif kontemplat fl-artikolu 29 tal-Att 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Harsa lejn l-artikolu 2 tal-Kap 248, insibu d-definizzjoni tal-kelma 'persuna', u din hija definita b'dan il-mod segwenti:- "... tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita guridika distinta sew jekk le".

Issa minn daqqa t'ghajn, ghalhekk wiehed jinterpretha li persuna tista tkopri kemm persuna wahda fizika kif ukoll korp ta' persuni li m'humiex fisici. Pero minn ezami akkurat ta' diversi sentenzi li nghataw, jirrizulta li l-Qrati taghna taw interpretazzjoni ohra, fis-sens li l-persuna malfamata li tagixxi l-Qorti, ghandha tkun persuna fisika, ghaliex hija biss persuna fisika li tista tkun malfamata w ingurjata.

Fil-fatt fis-sentenza li nghatat fil-wiehed w ghoxrin (21) ta' Gunju 2004 fl-ismijiet **<u>Roderick Galea et vs Victor Camilleri</u>** inghad li l-Kunsill Lokali m'ghandux jinghata l-istess protezzjoni bhal dik moghtija lil persuna privata. Din il-linja baqghet tigi segwita anke f'sentenza ohrajn fosthom **<u>Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa</u>** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Frar

2005 u **Joseph Buttigieg et noe vs Mark Camilleri** deciza fl-ghoxrin (20) ta’ Jannar 2009 minn din l-istess Qorti diversament preseduta.

Il-Qorti fliet diversi sentenzi ohra li sejra tirraporta whud minnhom fejn dejjem sabet li r-referenza li kien hemm ghall-protezzjoni li ghandha tinghata kienet dejjem ristretta lejn individwu.

Fis-sentenza **Vincent Borg vs Victor Camilleri et** deciza nhar l-hmistax (15) ta’ Novembru 1994 mill-Qorti tal-Appell Civili, nghad li:-

*“Fost il-principji llum stabiliti, jinghad li l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li s-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor xejn anqas mehtieg tar-rifiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’socjeta demokratika ghandu kull dritt li igawdi …… Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta tal-esperessjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt naljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu bil-mezzi kollha legali disponibbli.”* (sottolinear minn din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-ismijiet “**Onor Dr. Joseph M Fenech vs Louis Cauchi et** deciza mil-Prim Awla nhar is-sittax (16) ta’ Jannar 2002 inghad li:-

*“It-test li jigi applikat dwar is-sinjifikat tal-istess xandira huwa li l-ezami ghandu jkun wiehed oggettiv biex tara jekk dak li nkiteb u gie pprezentat bhal fatt lill-qarrejja, kienx wiehed jew le malafamanti fil-konfront tal-persuna li lejha l-addebitu kien dirett.”* (sottolinear minn din il-Qorti)

Fis-sentenza **Anthony Degiovanni vs Mark Lombardo** deciza fit-tnax (12) ta’ Novembru 2002 minn din il-Qorti diversament preseduta, nsibu li:-

*"Illi ovvjament ghandu jkun ukoll pacifiku li* *persuna* (sottinear ta' din il-Qorti) *li ssib ruhha mxandra b'dan il-mod, ghandha d-dritt li tipprotegi l-fama u r-reputazzjoni taghha minn manupulazjoni skritta li timolestah."*

Din it-tema tal-individwu tkompli wkoll quddiem il-Qorti Ewropeja fil-kawza li kienet titratta dwar il-limiti tal-kritika li ghandu josserva il-politikant u qalet hekk:-

*"The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual."*

Ghalhekk, m'hemmx dubbju li fis-sentenzi nsibu dejjem id-dritt li bniedem ghandu li jiehu hsieb il-fama, unur u reputazzjoni tieghu. Huwa d-dover tal-Qorti li tipprotegi ic-cittadini minn dan l-abbuz.

Il-konvenut jargumenta li kieku il-legislatur ma kellux f'mohhu korpi fiziki, t-tifsira tal-kelma 'persuna' kif fuq moghtija, ma kienitx tinghata.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi u dan ghaliex fil-fehma taghha, l-konvenut fehem l-import tat-tifsira b'mod zbaljat.

Ma jfissirx li membri f'entita li jhossu ruhhom ingurjati ghan-nom tal-entita, ma jistghux jagixxu l-Qorti ghal protezzjoni tal-fama taghhom, izda l-interpretazzjoni li qed tinghata minn din il-Qorti, hija fis-sens li kull membru ta' dik l-entita li hassu hekk ngurjat u malafamat, ikun jista jagixxi izda f'ismu proprju u dan ghaliex *fin in fondo* hija r-reputazzjoni u fama tieghu li qed tigi *in ballo*. L-ente estratta ma tista thossha ngurjata b'dak li jinghad jew li jigi rappurtat fil-konfront taghha, ghaliex huma l-membri taghhom li qed jigu ngurjati *alla fine*, zgur li l-entita m'ghandhiex emozjoni w ghalhekk, zgur li ma tista thoss u wisq inqas, thossha mweggha minn dak li jkun intqal fuqha.

> Kif tajjeb intqal fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **<u>Joseph Buttigiet et vs Mark Camilleri :-</u>**
>
> *“Il-fama w ir-reputazzjoni huma r-riserva tal-individwu li hu minn natura tieghu, mghonija bl-emozjoni u bid-dritt li jipprotegi d-dinjita tieghu meta llegittimament attakkata.”*
>
> Ghaldaqstant din il-Qorti takkolji l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement:-
>
> 1. Tiddikjara li l-atturi Buttigieg u Farrugia nomine m’ghandhomx interess guridiku biex jippromwovu l-azzjoni odjerna;
>
> 2. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-atturi nomine fuq indikati.**”**

L-atturi *nomine* pprezentaw rikors ta’ appell fejn permezz tieghu ssottomettew illi l-ewwel Qorti ma interpretatx sew il-ligi, b’mod partikolari l-portata tat-tifsira tal-kelma “persuna” fl-Artikolu 2 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248). Huma insistew illi sew mill-istess definizzjoni kif ukoll minn skorta ta’ decizjonijiet il-malafama tista’ ssir sew fil-konfront ta’ persuna singola kif ukoll di fronte ghall-korp morali;

Il-konvenuti opponew dan l-appell billi fl-ewwel lok issollevaw b’eccezzjoni l-irritwalita` u nullita` ta’ l-istess appell ghar-raguni illi dan jikser id-dispost ta’ l-Artikolu 142 (2) tal-Kodici ta’ Procedura billi ma kien jikkontjeni ebda talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza appellata izda semplicement l-espressjoni *in calce* “Daqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett ghall-attenzjoni superjuri u aktar ghaqlija ta’ din l-Onorabbli Qorti”;

Fl-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti (19 ta’ Frar, 2009) l-appellanti ttantaw jirrikorru ghall-korrezzjoni tar-rikors ta’ l-

appell taghhom, liema talba giet pero` opposta u nghata digriet ta' cahda ta' l-istess talba. L-appellanti konsegwentement ipprezentaw Nota ta' cessjoni ta' l-istess appell pero` l-kontroparti nsistiet li din il-Qorti ghandha xorta wahda tippronuncja ruhha fuq il-kap ta' l-ispejjez. Li jfisser, li issa din il-Qorti jkollha tistharreg l-eccezzjoni tan-nullita` mqanqla biex tikkontrasta l-mertu ta' l-appell;

Hu provvediment esplicitu tal-Kodici ritwali, ex-Artikolu 142 tieghu, illi l-impunjattiva ta' sentenza tal-prim'istanza fi grad ta' appell titmexxa b'rikors [inciz (1)]. Hi wkoll regola cara illi dan ir-rikors "ghandu jkun fih t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha" [inciz (2)]. L-appellati jikkontendu illi l-appellanti ma segwewx din ir-regola u, invece, adottaw formola diversa;

M'hemmx dubju illi r-rikors introduttiv ta' l-appell hu karenti minn dan l-element essenzjali ghall-kwalifikazzjoni tieghu bhala att inkwadrabbli fil-fattispeci guridika skond il-predett Artikolu 142 (2). Dan fis-sens li hu priv ghal kollox mid-determinazzjoni ta' l-oggett ta' l-appell u dan jirrendih improducibbli ta' effetti processwali (*tamquam non esset*);

Il-Kodici ta' Procedura jipprovdi fl-Artikolu 789 (1) tieghu erba' ipotesijiet fejn tista' tinghata l-eccezzjoni tan-nullita` ta' atti gudizzjarji. Fost dawn, dak li l-aktar jinteressa mill-qrib in-nullita` hawn prospettata mill-konvenuti appellati hi l-inciz (d) tieghu ghal kaz fejn l-att "ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi". Is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili ta' l-14 ta' Mejju, 1970 fl-ismijiet "**Victor Henry Debono *et* -vs- Onor. Dottor Vincent Tabone *nomine***", per Imhallef Maurice Caruana Curran, tikkwalifika din in-nullita` bhala wahda virtwali u evidentement ta' gravita` ferm superjuri, tant li hi rilevabbli anke *ex officio* mill-Qorti;

Premess dan, jigi osservat illi l-ligi fil-predett Artikolu 789 (1) ma tieqafx fis-semplici elenku ta' l-ipotesijiet tan-nullita` in kwantu tahseb ukoll bil-proviso ghalih, introdott bl-Att XXIV ta' l-1995, illi n-nullita` eccepita, wkoll dik taht is-subinciz (d), "ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi";

In ottemperanza ghal dan il-proviso l-Qorti ezaminat id-dixxiplina generali tal-korrezzjoni taht l-Artikolu 175 (2) pero` hi tal-fehma illi dan il-provvediment ma seta' jkun ta' ebda ghajnuna ghall-qaghda ta' l-appellanti ghaliex hawn non si tratta ta' semplici zball fl-iskrittura ta' l-appell li jista' jissewwa izda minn ommissjoni kompleta ta' l-oggett tat-talba, u, allura, tar-raggungiment ta' l-iskop volut mill-appellanti ghal liema introducew l-appell. Il-Qorti lanqas ma tara illi l-istess skrittura kienet salvabbli taht l-inciz (5) ta' l-Artikolu 143 tal-Kodici ghaliex is-sens ta' dan il-provvediment jipresupponi qabel kollox illi r-rikors introduttiv ikun tabilhaqq jikkontjeni t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil predisposta fl-Artikolu 142 (2), u dan hawnhekk ma huwiex il-kaz ghaliex talba bhal dik lanqas biss giet proposta;

Iddur fejn iddur, fil-hsieb profess tal-Qorti, ebda rimedju ma kien jidher possibbli jew permissibbli ghar-ri-empiment tal-lakuna lampanti ommessa, sija jekk bi zvista, b'dizattenzjoni jew b'negligenza u tali qaghda ma setghetx hlief taghmel l-appell mhux suxxettibbli ta' sanatorja;

Evidentement, il-Qorti tissuspetta illi dak li gara kien dovut ghall-fatt ta' l-uzu ta' dik il-prassi zbaljata illi wiehed li jkun behsiebu jappella, a skans ta' energija zejda, jaqbad u jitrasporta ghall-appell in-Nota ta' Sottomissjonijet li tkun giet intavolata fil-prim'istanza. Prassi din ghal kollox censurabbli anke ghaliex, kif drabi ohra kkummentat mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjali, ukoll f'materja ta' libell, dan juri "nuqqas ta' rispett lejn il-gudikant ta' l-ewwel Qorti".

Ara "**Lino Debono -vs- Avv. Toni Abela LL.D.**", 6 ta' Ottubru, 2000.

Ghal motivi predetti, tenut rigward tal-konsiderazzjoni illi l-eccezzjoni ta' l-irritwalita` sollevata kienet wahda ghal kollox valida, il-Qorti tordna li l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jitbatew mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------